

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberverwaltungsgericht Rheinland-Pfalz (il-Ġermanja) fit-28 ta' Diċembru 2018 — Landkreis Südliche Weinstraße vs PF et

(Kawża C-830/18)

(2019/C 131/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberverwaltungsgericht Rheinland-Pfalz

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Landkreis Südliche Weinstraße

Konvenuti: PF et

Parti oħra fil-proċedura: Vertreter des öffentlichen Interesses

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni ⁽¹⁾ għandu jġi interpretat fis-sens li dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li tillimita l-obbligu ta' awtoritajiet nazzjonali lokali (distretti amministrattivi) fir-rigward tat-trasport skolastiku lir-residenti tal-Istat federali (Bundesland) għandha effett diskriminatorju indirett, anki jekk ikun stabbilit, abbażi ta' ċirkustanzi fattwali, li r-rekwiżit ta' residenza b'mod predominanti jeskludi lir-residenti tal-bqija tat-territorju tal-Istat Membru mill-benefiċċju?

Jekk l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv:

2) L-organizzazzjoni effettiva tas-sistema skolastika tikkostitwixxi rekwiżit imperattiv ta' interess pubbliku li jista' jiġġustifika diskriminazzjoni indiretta?

⁽¹⁾ ĠU 2011 L 141, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea de Apel Timișoara (ir-Rumanija) fl-24 ta' Diċembru 2018 — SC Terracult SRL vs Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Timișoara — Administrația Județeană a Finanțelor Publice Arad — Serviciul Inspecție Fiscală Persoane Juridice 5 and Agenția Națională de Administrare Fiscală — Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Timișoara — Serviciul de Soluționare a Contestațiilor

(Kawża C-835/18)

(2019/C 131/27)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Timișoara

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: SC Terracult SRL

Konvenuti: Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Timișoara — Administrația Județeană a Finanțelor Publice Arad — Serviciul Inspecție Fiscală Persoane Juridice 5 and Agenția Națională de Administrare Fiscală — Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Timișoara — Serviciul de Soluționare a Contestațiilor

Domanda preliminar

Id-Direttiva tal-VAT ⁽¹⁾ kif ukoll il-prinċipji ta' newtralità fiskali, ta' effettività u ta' proporzjonalità jipprekludu, f'ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, prattika amministrattiva u/jew interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, li ma tippermettix il-korrezzjoni ta' fatturi u, konsegwentement, l-inklużjoni ta' fatturi kkoreġuti fid-dikjarazzjoni tal-VAT li tikkonċerna l-perijodu li matulu saret il-korrezzjoni, għall-operazzjonijiet li twettqu matul perijodu li kien suġġett għal kontrolli fiskali, u li insegwitu tiegħu l-awtoritajiet fiskali ħarġu avviż ta' tassazzjoni li sar definittiv, meta d-data u l-informazzjoni supplimentari li jeżiġu l-applikazzjoni ta' sistema fiskali differenti saru magħrufa wara l-ħruġ tal-avviż ta' tassazzjoni?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, ĠU 2006, L 347, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminar mressqa mill-Tribunalul București (ir-Rumanija) fit-3 ta' Jannar 2019 — SC Mitliv Exim SRL vs Agenția Națională de Administrare Fiscală and Direcția Generală de Administrare a Marilor Contribuabili

(Kawża C-9/19)

(2019/C 131/28)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Tribunalul București

Partijiet fil-kawża prinċipali

- 1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 2 u 273 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ta' 28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾, tal-Artikolu 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 325 TFUE, applikati għal ċirkustanzi bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik fil-kawża prinċipali, li tippermetti l-azzjonijiet kontestwali li ġejjin:

— -il-ħlas ta' danni f'kontest kriminali, impost matul il-fażi tal-investigazzjoni ta' qabel il-prosekuzzjoni fuq bażi li ma hijiex dik ta' titolu ta' dejn fiskali;